# L-EŻAMI TA' NOFS IS-SENA
# IL-MALTI
## 2015-2016

| IR-RABA' SENA | (Il-Qari u l-Kitba) Rotta: 3 | ĦIN: Sagħtejn |
|---|---|---|

**L-Isem u l-kunjom:** ______________________________________ **Il-Klassi:** ____________________

**Għall-istudent/a:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitluba.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

L-Iskema tal-Marki

| Il-MARKI | | | |
|---|---|---|---|
| | **It-Taħdit** | **10** | |
| | **Is-Smigħ** | **10** | |
| | **Il-Qari u l-Kitba** | **80** | |
| | **IT-TOTAL** | **100** | |

| **It-Taqsima** | **1A** | **1B** | **1Ċ** | **1D** | **1E** | **2A** | **2B** | **IT-TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Marka** | **10** | **5** | **10** | **5** | **20** | **15** | **15** | **80** |
| **Il-Marka tal-Istudent/a** | | | | | | | | |

## L-EWWEL TAQSIMA: IL-LINGWA (50 MARKA)

**Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.**

# It-teatrin: bejn il-protesta u l-biża'

Bil-kelma 'teatrin' nifhmu dak it-tip ta' teatru popolari magħmul mid-dilettanti, ħafna drabi fi strutturi żgħar jew improvizzati u marbutin mal-komunità li toħloqhom. Hu teatru li jiffunzjona bi ftit li xejn riżorsi u ħafna drabi hu assoċjat mal-klassijiet il-baxxi tas-soċjetà, għalkemm ma kienx dejjem hekk. It-teatrin beda jeżisti f'Malta ftit qabel nofs is-seklu dsatax. F'ħafna sensi kien fenomenu ddeterminat mill-iżviluppi politiċi u kulturali li seħħew f'Malta mal-bidu tal-ħakma Ingliża f'Malta. Biex nifhmu kif beda u għaliex beda t-teatrin irridu nħarsu lejh fid-dawl tal-kuntest ta' żmienu. *(par. 1)*



L-ewwel nett hu importanti nżommu f'moħħna li bħal kull komunità żviluppata oħra, il-Maltin mingħajr skola minn żmien il-qedem kellhom id-divertiment tagħhom, li f'ċerti aspetti kien jersaq lejn it-teatralità. Ħafna forom ta' għana, pereżempju, jinkludu aspetti importanti ta' teatralità. Meta l-għannejja jwieġbu lil xulxin mhux biss ikunu qed joħolqu djalogu iżda wkoll element qawwi ta' karatterizzazzjoni. Kull għannej jibni karattru pubbliku li jidħol fis-seħħ meta jibda jgħanni, l-istess bħalma attur jieħu fuqu karattru differenti meta jibda jirreċta. *(par. 2)*

Bħalma kellhom (u għad għandhom) ħafna kulturi, il-Maltin kellhom ir-rakkuntaturi tagħhom. Xi ħadd li jaf jirrakkonta storja b'tali mod li jiġbed u jżomm udjenza qed jaġixxi bħala *performer*, u minkejja li r-rakkont is-soltu jitqies bħala forma ta' narrattiva, hemm ħafna tradizzjonijiet teatrali li jistrieħu fuq ir-rakkuntar biex joħolqu l-ispettaklu. Pereżempju ħafna xogħlijiet li kiteb u rreċta l-Premju Nobel Dario Fo huma mibnija fuq il-ħila tal-attur/rakkuntatur. Uħud miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Knisja wkoll żviluppaw sew fl-aspett teatrali tagħhom, speċjalment il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira bil-movimenti u l-persunaġġi interpretati mill-abitanti tal-komunità li fiha jsiru l-purċissjonijiet. *(par. 3)*

Minbarra dawn l-attivitajiet li jinkludu t-teatralità, il-Maltin komuni, mingħajr skola, kellhom ukoll żewġ tradizzjonijiet speċifikament teatrali. (*par. 4*)

L-ewwel waħda kienet il-Qarċilla, xena li tirrappreżenta kuntratt taż-żwieġ moqri min-nutar waqt il-karnival. Dan l-ispettaklu kien jiddeverti lill-udjenza billi jwaqqa' għaċ-ċajt il-figura tan-nutar, li fis-soċjetà tradizzjonali Maltija kien igawdi rispett kbir, bħalma ngħidu aħna kellhom il-kappillan jew it-tabib tar-raħal. Dan għaliex f'dak iż-żmien in-nutar kien bniedem ta' kelmtu u ta' min jafdah. Kif jgħid il-Malti, il-barri jintrabat minn qrunu u l-bniedem minn kelmtu. *(par. 5)*

Tip ta' spettaklu ieħor li Cassar Pullicino u Mifsud Chircop isejħulu dramm folkloristiku kien il-Qarinża. *(par. 6)*

*(Silta addattata mill-ktiba ta' Marco Galea It-Teatrin: Bejn il-Protesta u l-Biża' kif dehret fil-ktieb Kitbiet dwar it-Teatrin, editur Mario Azzopardi)*

**1A. Fehim it-Test** ___ 10 marki

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq li għadek kemm qrajt.**

1. Skont l-awtur x'nifhmu bil-kelma 'teatrin'? *(par. 1)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

2. Minħabba xiex beda t-teatrin f'Malta? *(par. 1)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

3. X'tip ta' teatrin kien hawn diġà f'Malta u għaliex dan jitqies bħala teatralità? *(par. 2)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

4. Xi jrid jagħmel rakkuntatur? *(par. 3)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

5. Liema kienet waħda mit-tradizzjonijiet teatrali li kellhom il-Maltin? *(par. 5)*

______________________________________________________________________ (1)

6. Għaliex taħseb li l-Maltin kienu jħossuhom komdi jwaqqgħu għaċ-ċajt lin-nutar fil-Qarċilla? *(par. 5)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (1)

7. Għaliex taħseb li l-awtur jorbot l-idea ta' teatrini mal-Maltin ta' bla skola?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

| 1B. Għarfien il-Lingwa | ___ 5 marki |
|---|---|

1. Mis-silta sib kelma oħra li tfisser:

   *mhux professjonali*: ________________________________________ (1)

2. Spjega fi kliemek:

   rakkuntatur *(par.3)*: ________________________________________ (1)

3. Għal min qed jirreferi l-pronom -*hom* fil-kelma *kellhom* kif tidher fis-sentenza:

   *Bħalma kellhom (u għad għandhom) ħafna kulturi, il-Maltin kellhom ir-rakkuntaturi tagħhom. (par.3)*

   Il-pronom -*hom* qed jirreferi ____________________________________ (1)

4. Sib il-qawl li hemm fil-ħames paragrafu u agħti t-tifsira tiegħu.

   a) Qawl: ________________________________________________________ (1)

   b) Tifsira: ______________________________________________________

   ________________________________________________________________ (1)

| 1Ċ. Il-Grammatika | ___ 10 marki |
|---|---|

**Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet kollha dwarha.**

## Il-kolla tal-istoċċ

**fis-sena 1967 Dr wolfgang Dierichs**, riċerkatur Ġermaniż mal-kumpanija tal-manifattura Henkel, kien sejjer fuq vjaġġ tax-xogħol. Matul it-titjira fuq l-ajruplan, **Dr Wolfgang ġietu idea brillanti** dwar kolla b'differenza. Kienet mara **qiegħda tagħmel** il-lipstik li nebbħitu b'din l-invenzjoni. Hu ħaseb li jekk **il-kolla tintuża** bl-istess mod li jintuża l-lipstik, dak li **jkun iħammeġ** ferm inqas u ma jkollux għalfejn juża pniezel u važetti tal-kolla.




**L-idea ntgħoġbot** u fis-sena 1969 **il-kumpanija Henkel ħarġet l-ewwel stoċċijiet tal-kolla** li jintużaw bl-istess mod kif jintuża l-lipstik. Il-kolla ssemmiet 'Pritt' u fi żmien sentejn kienet diġà tinbiegħ fi 38 pajjiż. Illum il-ġurnata l-pajjiżi fejn tinbiegħ il-Pritt żdiedu għal 120 madwar id-dinja kollha.

(Addattament minn *Il-kolla tal-istoċċ* ta' Claudia Cini mir-rivista *RM2000*, Jannar 2015)

1. Erġa' ikteb din il-frażi u agħmel il-punteġġjatura fejn meħtieġ:

   *fis-sena 1967 Dr wolfgang Dierichs…* ______________________________ (1)

2. Immarka t-tweġiba t-tajba:

   Il-verb *ġietu* fil-frażi *Dr.wolfgang ġietu idea brillanti* huwa verb:

   ❑ a. intransittiv ❑ b. transittiv ❑ ċ. reċiproku (1)

3. Qiegħed din il-frażi **fit-tielet persuna plural**:

   *... qiegħda tagħmel il-lipstik…* – ______________________________ (2)

4. Immarka t-tweġiba t-tajba:

   Il-verb *tintuża* fil-frażi … *il-kolla tintuża bl-istess mod*… huwa verb:

   ❑ a. passiv ❑ b. impersonali ❑ ċ. riflessiv (1)

5. Qiegħed din il-frażi **fit-tieni persuna plural fil-perfett**:

   *... jkun iħammeġ…* – ______________________________ (2)

6. X'tip ta' konkordja (qbil) insibu f'din il-frażi:

   *L-idea ntgħoġbot…* – ______________________________(2)

7. Aqleb din is-sentenza fil-passiv:

   Il-kumpanija Henkel ħarġet l-ewwel stoċċijiet tal-kolla.

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________ (1)

**1D. Il-Kitba l-Qasira** ___ 5 marki

**L-Ittra Informali: Agħżel mistoqsija WAĦDA minn (i) jew (ii).**

Ikteb bejn **60 u 80 kelma** fuq **wieħed** minn dawn is-suġġetti li ġejjin. Niżżel l-indirizz meħtieġ u semmi dak li huwa mitlub minnek fil-mistoqsija. Tinsiex tindika n-numru tal-mistoqsija magħżula.

**(i)** Ikteb ittra lill-ħabib tiegħek li fiha taġġornah bis-safra li beħsiebek tagħmel dan is-sajf flimkien mal-familja tiegħek u tħeġġu sabiex jiġi s-safra magħkom.

**JEW**

**(ii)** Ikteb ittra lill-kuġina tiegħek li għadha kemm kellha tarbija, fejn tifirħilha għaż-żieda ġdida fil-familja tagħha.

Ikteb in-numru tal-mistoqsija li għażilt: ____________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## 1E. Il-Komponiment

___
20 marka

**Ikteb madwar 300 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti fuq karta separata.**

1. Konna lkoll madwar il-mejda għall-ikla ta' filgħaxija, meta f'daqqa waħda nqata' d-dawl… *(Kompli l-istorja.)*
2. Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tar-reklami.
3. Il-festa tar-raħal.
4. Ix-xiri minn fuq l-internet.

# IT-TIENI TAQSIMA: IL-LETTERATURA (30 MARKA)

## 2A. Ir-Referenza għall-Kuntest: Il-Proża (*Bejn Ħaltejn*)

___
15-il marka

**Agħżel WAĦDA: (i) jew (ii).**

(i) Aqra sewwa din is-silta minn *Il-Koranta* ta' Oliver Friggieri u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.

Ferħana kienet żgur, iżda kellha rogħda li s-sewwieq intebaħ biha minnufih. Xtaq jgħinha iżda x'seta' jagħmel? Malli tfaċċat ħdejn il-knisja, folla kbira bdiet issaffar u tgħajjat. Tfal jirraġġaw u jwerżqu, irġiel u nisa jfaqqgħu d-daħk qishom imxennqin mill-ispettakli ċajtiera.

"San Ġużepp, eħlisni inti minn dan l-infern!" bdiet titniehed b'leħen li semgħu s-sewwieq.

"Aħjar ma tidħolx minn hawn, Sinjura. Din il-folla mhux se tħallik tgħaddi," qalilha l-ieħor.

Il-mara lanqas biss kellha l-kuraġġ tħares madwarha mit-tieqa. B'għajnejha jdemmgħu u b'ħarsa li ma wriet ebda qilla, talbitu jsuq biex jidħlu mill-bieb iż-żgħir tas-sagristija. Ma kienx hemm bogħod wisq, u l-folla mqanqla, malli ntebħet x'kien se jagħmel is-sewwieq, ġriet lil hemm, issaffar u tgħajjat aktar minn qabel l-istess kelma, "Koranta, Koranta!"



Il-kappillan deher f'nofs il-ġemgħa u qal kliem iebes u ta' twiddib. Leħnu ma damx ma ndifen mill-għagħa li kien hemm, u qatagħha li jofroq in-nies u jdaħħal lill-għarusa hu nnifsu fil-knisja. It-tapit aħmar kien ilu mifrux xi nofs siegħa, u l-fjuri ta' fuq l-artal kienu jfuħu, u l-ġinokkjatur kellu mħadda sabiħa tal-bellus. Iżda ħadd m'għadda minn fuq it-tapit, u ħadd ma resaq lejn l-artal tal-fjuri, u ħadd ma qagħad għarkupptejh fuq il-ġinokkjatur.

Iż-żwieġ sar xi siegħa wara quddiem artal qadim imwarrab li kien hemm fis-sagristija. Meta l-ħamba ta' barra ma nstemgħetx aktar, il-Koranta u żewġha ħarbu baxx baxx mill-bieb iż-żgħir. In-nies kienu marru u kien għad fadal biss 'l hawn u 'l hinn xi wħud jistennewha ħierġa.

Ħadd ma kien hemm biex jgħajjarha u jsaffrilha, u żewġha, li seta' jifhem, qalilha f'widnejha, malli s-sewwieq beda jmexxi, "Anjeżi, jien inħobbok xorta waħda."

Hi, imbikkma, staqsietu għaliex kienu għamlulha hekk, iżda l-leħen tal-mistoqsija tagħha laħaq indifen fit-tgħanniqa tiegħu.

San Ġużepp, imsakkar fin-niċċa tal-knisja, ra kollox u beka bla ħoss biex ma jqajjimx il-Bambin rieqed. Il-fjura mbexxqa f'idu l-oħra issa bdiet tiftaħ sa fl-aħħar.

## Mistoqsijiet:

1. Għaliex in-novella jisimha *Il-Koranta*?

    ______________________________________________________________________

    ______________________________________________________________________ (1)

2. Mis-silta mogħtija sib żewġ eżempji li juru t-tbatija li kellha tgħaddi minnha l-Koranta fil-ġurnata tat-tieġ tagħha.

    ______________________________________________________________________

    ______________________________________________________________________ (2)

3. X'jisimha l-Koranta u għaliex isem il-Koranta nsiru nafuh lejn l-aħħar tan-novella?

    ______________________________________________________________________

    ______________________________________________________________________ (3)

4. "San Ġużepp, imsakkar fin-niċċa tal-knisja, ra kollox u beka bla ħoss biex ma jqajjimx il-Bambin rieqed. Il-fjura mbexxqa f'idu l-oħra issa bdiet tiftaħ sa fl-aħħar."

    a) Minn din il-kwotazzjoni sib:

    *personifikazzjoni*: ______________________________________________

    *metafora*: ______________________________________________

    b) Fisser il-metafora: ______________________________________________

    ______________________________________________________________________ (3)

5. Xi stil/i qed jintużaw fis-silta ta' hawn fuq?

    ______________________________________________________________________ (2)

6. X'kuntrast insibu bejn Indrì u n-nies tar-raħal?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________ (2)

7. Iddeskrivi l-karattru tal-Koranta minn dak li qrajt fin-novella.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________ (2)

## *JEW*

(ii) Aqra sewwa din is-silta minn *Jacqueline* ta' Pierre J. Mejlak u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.

Issa li kieku kien mingħalih dawn il-messaġġi fil-forma ta' tbissima kien iħallihom għaddejjin imqar għal sitt xhur, sena. Għax donnu għalih f'dak il-mument kienu biżżejjed. Imma mhux l-istess Jacqueline, li sabitu quddiem il-BOV l-Ħadd ta' wara u wara li kkonfermaw li donnu s-sajf kien se jibda kmieni u li l-ġurnata – marelli – kienet ġa twalet biċċa, sparathielu.



"Tridx bħal-lum ġimgħa mmorru nieħdu pizza?!"

Ma kienx ippreparat għal missila bħal dik. Lanqas qatt ma stennieha, u flok bi tweġiba rrispondieha bi tliet mistoqsijiet.

1. "Eh, pizza?"
2. "Għala le?"
3. "Fejn?!"

"Nistgħu mmorru għand Angelito ta' ħdejn iċ-ċimiterju. Kulħadd jgħajjat kemm hu tajjeb u kemm mhux għoli. Tista' tippikkjani minn hawn, jekk għalik tajjeb."

U wara li ftiehmu l-ħin Mario daħal fil-karozza u niżel id-dar b'rasu ttektek tektik niggieżi. Għax donnu l-pjaċir li kienu qed jagħtuh dawk il-messaġġi ċkejkna fil-forma ta' tbissima kien se jispiċċa kmieni wisq. U miegħu – forsi – min jaf? – anke l-ħajja ta' ġuvni. U kien ġa beda jaħseb jekk Jacqueline kinitx tabilħaqq il-mara li magħha kellu jqatta' ħajtu, u jekk kienx wasal iż-żmien li jara jsibx xogħol aħjar, jieħu ħsieb iżjed flusu u jitfa' għajnu fuq xi appartament jew biċċa raba', meta tolqtu missila oħra. Did-darba doppja u bagħtithielu l-memorja, mogħxija bid-daħk.

"Pizza?! U t-tadam? U, Mario, id-*derby*?!"

## Mistoqsijiet:

1. Għaliex Jacqueline hija importanti f'din il-ġrajja?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

2. X'figura tad-diskors insibu fil-frażi "ttektek tektik niggieżi", u x'effett tħalli/għandha?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

3. Minn din is-silta sib żewġ kelmiet li jagħtu xejra moderna lis-silta?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

4. "Ma kienx ippreparat għal missila bħal dik. Lanqas qatt ma stennieha u flok bi tweġiba rrispondieha bi tliet mistoqsijiet."

   a) Minn din il-kwotazzjoni: Sib *metafora* u fissirha.

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   b) Għaliex Mario rrisponda bil-mistoqsijiet?

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (3)

5. Liema żewġ stili qed jintużaw f'din il-parti tan-novella?

______________________________________________ (2)

6. Oħroġ id-differenza bejn il-karattru ta' Mario u dak ta' Jacqueline. Ikteb żewġ punti fuq kull karattru.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________(4)

| 2B. Il-Komponiment Letterarju: Ir-Rumanzett (*Il-Ħarsa ta' Rużann*) | ___ 15-il marka |
|---|---|

**Ikteb madwar 150 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti.**

1. **"U ħallejtu jmut fil-kwiet, dakinhar maż-żerniq." … "*Vaja con Dios*, missier!"**

   Dawn iż-żewġ sentenzi qosra huma xhieda tar-rispett li l-Baruni Mark-Antonin kellu lejn missieru (il-Baruni x-Xiħ) minkejja d-differenza fl-età u fil-mentalità tagħhom. Iddeskrivi dawn iż-żewġ karattri li niltaqgħu magħhom fil-bidu tar-rumanzett u kkummenta b'mod speċjali fiex kienu jaħsbuha differenti u għaliex.

**JEW**

2. **"Karmenu, wild l-imħabba ta' bejn il-bidwija Dinglija Rużann u Mark-Antonin tad-dar de los Ingallos tal-Imdina, b'dik ir-ras tiegħu geġwiġija nokkli mħabblin f'xulxin, b'dawk l-għajnejn jagħtu xi ftit fl-ikħal, dewwa kif seta' l-ġrieħi li kienet ġarrbet martu."**

   Il-ħajja ta' Karmenu saret ħafna aktar iebsa wara l-attakk li sofrew mill-ħallelin tax-Xuxana. Iddeskrivi dak li għadda minnu Karmenu u l-familja tiegħu f'din il-ġrajja u kkummenta dwar dak li għamel wara u dwar il-kwalitajiet pożittivi fil-karattru tiegħu li għenuh jegħleb dan il-mument diffiċli.

Ikteb in-numru tal-mistoqsija li għażilt: ____________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**TMIEM IL-KARTA**